MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 903/2001/1

**Avviz numru 903/01 DM**

**Frances Camilleri u Untours Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurata taghhom**
**Vs**
**Roderick Sammut**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi, talbu l-kundanna tal-konvenut ghall- hlas tas-somma ta’ tlett elef, tlett mija u disa’ lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm3,309.22), lill-atturi Untours Agents Limited ghall-Qatar Insurance Company kif surrogat fid-drittijiet ta’ l-assikurata taghhom u l-hlas tas-somma ta’ erba’ mija, erbgha u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm444.75) lill-attrici Frances Camilleri bhala danni flimkien ma’ somma da likwidarsi ghal deprezzament, kollox rizultanti minn incident stradali li sehh fit-30 ta’ Marzu, 2001, f’Birkirkara bejn karozza Numru LCC 508 misjuqa minn Sharon

Camilleri u assikurata ma’ l-Untours Insurance Agents Ltd noe u karozza Numru DAT 113 misjuqa mill-konvenut. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi Lm23 ta’ ittra u konsult u dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-lum lill-assikuraturi tal-konvenut *ai termini* tal-Kap. 104 u bl-imghax minn notifika ta’ dana l-Avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Roderick Sammut fejn eccepixxa illi :

1. Fl-ewwel lok it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra taghha stante illi l-esponenti ma kienx qieghed isuq il-vettura in kwistjoni ;
2. Minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talba saret biss minn Frances Camilleri u ghaldaqstant l-allegata pretensjoni tas-socjeta’ Untours Insurance Agents Ltd. nomine ghandha tigi rigettata bl-ispejjez kontra taghha ;
3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghanhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tas-sewwieq tal-vettura tal-konvenut ;
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ April, 2002, fejn id-difensur tal-konvenut stante l-korrezzjonijiet akkordati rtira l-ewwel zewg eccezzjonijiet u zamm ferm it-tielet (3) u r-raba’ (4) eccezzjonijiet minnu moghtija ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda responsabbilita' ghall-kollizjoni in kwistjoni huwa accettat miz-zewg nahat illi l-kollizjoni grat meta s-sewwieqa tal-vettura ta' l-attrici, Sharon Camilleri, minhabba sitwazzjoni ta' emergenza, kienet applikat il-brakijiet u waqfet izda l-vettura ta' warajha, misjuqa mill-konvenut Roderick Sammut, ma rnexxiliex tieqaf fid-distanza li kienet qed izzomm wara l-vettura ta' quddiema u habtet maghha biex ikkawzat hsarat kemm fuq wara kif ukoll fuq quddiem tal-vettura ta' l-attrici Frances Camilleri u assikurata ma' l-atturi l-ohra.

Dawn ic-cirkostanzi jindikaw mill-ewwel htija tal-konvenut li ma kienx qieghed izomm distanza regolamentari bejn il-vettura tieghu u dik ta' quddiemu – distanza li kienet tippermettilu illi jieqaf f'sitwazzjoni ta' emergenza kif fil-fatt iltaqghet maghha l-vettura ta' l-attrici.

Jekk il-konvenut irrizulta li kien qed izomm distanza regolamentari izda xorta habat mal-vettura ta' quddiemu, allura l-htija tibqa' xorta tieghu ghaliex m'applikax l-*brake* f'hin utili ghal xi raguni jew ohra senjatament ghaliex ma kienx qed izomm *proper look out* u xorta wahda ghalhekk habat mal-vettura ta' l-attur.

Izda l-konvenut biex jezimi ruhhu minn kull responsabbilita' qieghed jallega illi l-habta grat b'kawza ta' zjut fit-triq illi giegheluh jidhol fi *skid* inevitabbli biex b'hekk il-habta b'ebda mod ma tista' tinghad li grat tort tieghu.

Pero' biex jasal ghal din il- prova ta' skid inevitabbli jinkombi fuqu illi jgib provi car u konvincenti.

Dawn il-provi illi gab il-konvenut jikkonsistu fid-deposizzjonijiet tieghu u dik tal-passigiera li kienet rikba mieghu fejn gie allegat illi ghalkemm it-triq kienet imxarba bix-xita , kien hemm ukoll xi kuluri fil-wicc ta' l-ilma li kienu ndikattivi ghall-prezenza ta' xi zjut.

Dawn allegaw ukoll illi kien hemm xi membri ta' l-Iskwadra tal-Protezzjoni Civili li kienu qeghdin jixxuttaw xi likwidu.

Pero’ minn naha l-ohra jirrizulta illi l-vettura misjuqa minn Sharon Camilleri u li kienet qed tinsaq fl-istess triq u ftit metri l-quddiem mill-vettura misjuqa mill-konvenut, ma gietx affettwata mit-tixrib li kien hemm fit-triq minhabba x-xita u nfatti waqfet ezatt ma’ l-applikazzjoni tal-brakes u b’ebda mod ma dahlet f’xi *skid* inevitabbli jew ta xorta ohra.

Lanqas ma jirrizulta illi kien hemm prezenti xi vetturi ohrajn illi kienu mahbutin jew li tilfu l-kontroll minhabba xi zlieq eccessiv fit-triq.

Ghaldaqstant, anke fin-nuqqas ta’ xi xhieda ndipendenti dwar dawn il-fatti allegati mill-konvenut, l-istess konvenut ghandu jigi ritenut illi ma wasalx ghal xi prova li tista’ twassal ghall-ezenzjoni tieghu mir-responsabbilita’ ghall-kollizjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi l-konvenut Roderick Sammut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u ghandu jaghmel tajjeb ghall-hsarat kollha li soffriet il-vettura ta’ l-attrici.

Ghal dak li jirrigwarda d-danni li soffrew l-atturi u fejn jirrigwarda n-nefqa ghar-riparazzjoni tal-hsarat estensivi illi kellha l-vettura, l-atturi pproducew provi bizzejjed biex iggustifikaw in-nefqa totali kif indikata fin-nota taghhom tat-12 ta’ Frar, 2003, a fol. 27 tal-process.

It-total ta’ dawn id-danni ghalhekk jammonta ghas-somma ndikata ta’ tlett elef, seba’ mija, erbgha u erbghin lira Maltin u u sebgha u sebghin centezmi (Lm3,744.77) u l-Qorti ghalhekk tillikwida d-danni totali li sofrew l-atturi f’din is-somma.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba ta’ l-atturi sabiex jigi llikwidat id-deprezzament li sofriet il-vettura ta’ l-attrici minhabba tali kollizjoni u danni konsegwenzjali l-Qorti tirrileva illi ma ngibux provi f’dan ir-rigward u ghalhekk stante li jirrizulta illi l-vettura ta’ l-attrici kienet gawdiet minn sostituzzjoni estensiva tal-*parts* kollha dannigjati, il-Qorti tikkonkludi illi

ma kienx hemm deprezzament fil-valur tal-vettura minhabba biss din il-kollizjoni.

Konsegwentement qieghda tillikwida d-danni totali fis-somma ta' tlett elef, sebgha mija, erbgha u erbghin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm3,744.77) u tikkundanna l-konvenut ihallas dawn id-danni u ghaldaqstant qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici Frances Camilleri s-somma ta' erba' mija, erbgha u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm444.75) skond kif mitlub fl-avviz u sabiex ihallas il-bilanc ta' tlett elef, tlett mija u zewg centezmi (LM3,300.02) lill-atturi l-ohra Untours Insurance Agents Limited bl-imghax legali b'effett mit-28 ta' Marzu, 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------